

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' Awwissu 2010

li temenda l-Annessi I u II mad-Deċiżjoni 2008/185/KE fir-rigward tal-inklużjoni tas-Slovenja fil-lista ta' Stati Membri ħielsa mill-marda ta' Aujeszky u l-inklużjoni tal-Polonja fil-lista ta' Stati Membri fejn hemm fis-seħħ programm ta' kontroll nazzjonali approvat għal dik il-marda

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 5358)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/434/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa tal-annimali li jaffettwaw il-kummerċ ta' annimali bovini u suwini ġewwa l-Komunità ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 9(2) u 10(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 64/432/KEE tistipula regoli applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju f'annimali bovini u suwini, bl-eċċezzjoni ta' ħnieżer selvaġġi. L-Artikolu 9 ta' dik id-Direttiva jistipula l-kriterji għall-approvazzjoni ta' programmi ta' kontroll nazzjonali obbligatorji għal ċerti mardiet li jittieħdu, fosthom il-marda ta' Aujeszky. B'żieda ma' dan, l-Artikolu 10 ta' dik id-Direttiva jipprevedi li fejn Stat Membru jikkunsidra li fit-territorju tiegħu jew parti minnu jkun ħieles minn tali mard, inkluża l-marda ta' Aujeszky, dan għandu jippreżenta d-dokumentazzjoni xierqa li ttipprova dan lill-Kummissjoni.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/185/KE tal-21 ta' Frar 2008 dwar garanziji addizzjonali f'kummerċ intra-Komunitarju tal-majjal rigward il-marda ta' Aujeszky, u kriterji sabiex jipprovdu informazzjoni dwar din il-marda ⁽²⁾ tistipula garanziji addizzjonali għall-movimenti ta' ħnieżer bejn l-Istati Membri. Dawk il-garanziji huma marbuta mal-klassifikazzjoni tal-Istati Membri skont l-istat tal-marda ta' Aujeszky.

(3) L-Anness I mad-Deċiżjoni 2008/185/KE jelenka l-Istati Membri jew ir-reġjuni tagħhom li huma ħielsa mill-marda ta' Aujeszky u fejn t-tilqim huwa pprojbit. L-Anness II ma' dik id-Deċiżjoni jelenka l-Istati Membri jew ir-reġjuni tagħhom fejn jinsabu fis-seħħ programmi nazzjonali ta' kontroll approvati għall-qerda tal-marda ta' Aujeszky.

(4) Fil-Polonja u fi Spanja kienu ġew implimentati programmi ta' kontroll nazzjonali għall-marda ta' Aujeszky għal bosta snin. Għal diversi reġjuni Spanjoli l-programm ta' kontroll nazzjonali għall-marda ta' Aujeszky huwa diġà approvat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/603/KE ⁽³⁾.

(5) Is-Slovenja ressqet id-dokumentazzjoni ta' provi lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istat ħieles mill-marda ta' Aujeszky fit-territorju tas-Slovenja li turi li qatt ma nstabtet din il-marda f'dak l-Istat Membru.

(6) Il-Kummissjoni eżaminat id-dokumentazzjoni ppreżentata mis-Slovenja u sabitha konformi mal-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 64/432/KEE. Għaldaqstant, dak l-Istat Membru għandu jiġi inkluż fil-lista stabbilita fl-Anness I mad-Deċiżjoni 2008/185/KE. Dak l-Anness għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(7) Il-Polonja pprovdi id-dokumentazzjoni ta' provi lill-Kummissjoni fir-rigward tal-programm fis-seħħ fit-territorju kollu tal-Polonja u talbet l-approvazzjoni għal dan il-programm.

(8) Spanja issa pprovdi id-dokumentazzjoni ta' provi lill-Kummissjoni fir-rigward tal-programm fis-seħħ fil-Komunitajiet Awtonomi ta' Andalusia, Aragon, il-Gżejjer Baleariċi, Castilla-La Mancha, Catalonia, Extremadura, Madrid, ir-Reġjun ta' Murcia, il-Komunità ta' Valencia, u l-provinċji ta' Salamanca, Segovia u Soria fil-Komunità Awtonoma ta' Castilla y León u l-provinċja ta' Tenerife fil-Komunità Awtonoma tal-Gżejjer Kanarji u talbet l-approvazzjoni għal dan il-programm.

(9) Il-Kummissjoni sabet ukoll li l-programmi ta' kontroll nazzjonali ppreżentati mill-Polonja u Spanja jikkonformaw mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 64/432/KEE. Għaldaqstant, il-Polonja u Spanja għandhom jiġu inklużi fil-lista stabbilita fl-Anness II mad-Deċiżjoni 2008/185/KE. Dak l-Anness għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

⁽¹⁾ ĠU L 21, 29.7.1964, p. 1977/64.

⁽²⁾ ĠU L 59, 4.3.2008, p. 19.

⁽³⁾ ĠU L 236, 8.9.2007, p. 7.

- (10) Id-Deċiżjoni 2008/185/KE għandha għaldaqstant tiġi emendata skont dan.
- (11) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi I u II mad-Deċiżjoni 2008/185/KE jinbidlu bit-test fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Awwissu 2010.

Għall-Kummissjoni

John DALLI

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

“ANNEX I

Stati Membri jew ir-reġjuni tagħhom li huma ħielsa mill-marda ta' Aujeszky u fejn it-tilqim huwa pprojbit

Kodiċi ISO	Stat Membru	Ir-reġjuni
AT	L-Awstrija	Ir-reġjuni kollha
CY	Ċipru	Ir-reġjuni kollha
CZ	Ir-Repubblika Ċeka	Ir-reġjuni kollha
DE	Il-Ġermanja	Ir-reġjuni kollha
DK	Id-Danimarka	Ir-reġjuni kollha
FI	Il-Finlandja	Ir-reġjuni kollha
FR	Franza	Id-dipartimenti ta' Ain, Aisne, Allier, Alpes-de-Haute-Provence, Alpes-Maritimes, Ardèche, Ardennes, Ariège, Aube, Aude, Aveyron, Bas-Rhin, Bouches-du-Rhône, Calvados, Cantal, Charente, Charente-Maritime, Cher, Corrèze, Côte-d'Or, Côtes-d'Armor, Creuse, Deux-Sèvres, Dordogne, Doubs, Drôme, Essonne, Eure, Eure-et-Loir, Finistère, Gard, Gers, Gironde, Hautes-Alpes, Hauts-de-Seine, Haute Garonne, Haute-Loire, Haute-Marne, Hautes-Pyrénées, Haut-Rhin, Haute-Saône, Haute-Savoie, Haute-Vienne, Hérault, Ille-et-Vilaine, Indre, Indre-et-Loire, Isère, Jura, Landes, Loire, Loire-Atlantique, Loir-et-Cher, Loiret, Lot, Lot-et-Garonne, Lozère, Maine-et-Loire, Manche, Marne, Mayenne, Meurthe-et-Moselle, Meuse, Morbihan, Moselle, Nièvre, Nord, Oise, Orne, Paris, Pas de Calais, Pyrénées-Atlantiques, Pyrénées-Orientales, Puy-de-Dôme, Réunion, Rhône, Sarthe, Saône-et-Loire, Savoie, Seine-et-Marne, Seine-Maritime, Seine-Saint-Denis, Somme, Tarn, Tarn-et-Garonne, Territoire de Belfort, Val-de-Marne, Val-d'Oise, Var, Vaucluse, Vendée, Vienne, Vosges, Yonne, Yvelines
LU	Il-Lussemburgu	Ir-reġjuni kollha
NL	Il-Pajjiżi l-Baxxi	Ir-reġjuni kollha
SI	Is-Slovenja	Ir-reġjuni kollha
SK	Is-Slovakkja	Ir-reġjuni kollha
SE	L-Isvezja	Ir-reġjuni kollha
UK	Ir-Renju Unit	Ir-reġjuni kollha tal-Ingilterra, l-Iskozja u l-Galles

ANNEX II

L-Istati Membri jew ir-reġjuni tagħhom fejn huma fis-seħħ programmi approvati ta' kontroll nazzjonali għall-qerda tal-marda ta' Aujeszky

Kodiċi ISO	Stat Membru	Ir-reġjuni
BE	Il-Belġju	Ir-reġjuni kollha
ES	Spanja	Ir-reġjuni kollha
HU	L-Ungerija	Ir-reġjuni kollha
IE	L-Irlanda	Ir-reġjuni kollha
IT	L-Italja	Il-provinċja ta' Bolzano
PL	Il-Polonja	Ir-reġjuni kollha
UK	Ir-Renju Unit	Ir-reġjuni kollha fl-Irlanda ta' Fuq